**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 30**

**L-Erbgħa, 15 ta' April 2026**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fis-19.00.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier (17.41) |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sur Joseph Piscopo | Accountant |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd



JS AP

**30.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

**30.01.01** Xejn

**30.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduti 28 u 29)**

**28.02.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Jeffrey Scicluna u sekondat mill-Kunsillier Andrew Cassar, il-minuti ta' seduta **28** u **29** ġew approvati unanimament.

**30.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**28.03.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat kwotazzjoni rigward kwotazzjoni li bagħat l-Accountant tal-Kunsill Lokali minħabba l-fatt li hemm bżonn li jiġi aġġornat iċ-Chart of Accounts tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kompliet tgħid l-kwotazzjoni pprovduta mis-supplier tas-software sabiex ikun hemm allinjament mar-rekwiżiti tad-DLG. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li l-kwotazzjoni tinkludi liċenzja ġdida ta' Sage, aġġornament taċ-Chart of Accounts, eżerċizzju ta' importazzjoni kif ukoll ix-xogħol kollu relatat. Il-Kunsilliera preżenti b'mod unanimu qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**30.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**30.04.01** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera li rċieva komunikat dwar proġett COHERT. Is-Sindku John Schembri informa lill-Kunsillier Frederick Aquilina li se jkun qed jibagħatlu dan il-komunikat sabiex jattendi.

**30.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**30.05.01** Xejn. Minkejja li bħala mistoqsijiet ma kienx hemm, il-Kunsillier Jeffrey Scicluna ssuġġerixxa li l-Kunsill Lokali għandu jagħmel noticeboard bl-avviżi tal-Kunsill, sabiex ir-residenti ta' Ħal Luqa u Ħal Farruġ ikunu infurmati jekk forsi ma jkollhomx aċċess għal Facebook.

**30.05.02** Il-Kunsillier Frederick Aquilina saqsa lis-Sindku John Schembri dwar it-triq ta' fejn Hili jekk hux triq privata. Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsillier Frederick Aquilina li dik it-triq mhux responsabbilta` tal-Kunsill.

**30.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

**30.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat il-messaġġi What's App li x-xahar ta' qabel talabhom il-Kunsillier Frederick Aquilina. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell tat rendikont u ppreżentat ir-rapporti mitluba ta' kemm daħlu l-ilmenti matul dak ix-xahar.

**30.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva email mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li fiha konna infurmati li l-proposta li ssottomettejna għal minn Pjazza għall-Pjazza ġiet irriffjutata. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kompliet tispjega li minkejja li l-proposta tal-Kunsill ġiet irriffjutata,



JS AP

xorta l-Kunsill kien mistieden għall-konferenza stampa fejn se jitħabbru l-ismijiet tal-Kunsill Lokali li l-proposta tagħhom ġiet aċċettata. Il-Kunsilliera preżenti qablu li ladarba l-proposta tal-Kunsill ma ġietx aċċettata ma tagħmilx sens li jattendu għall-konferenza stampa.

## 30.07 Korrispondenza

**30.07.01** Xejn

## 30.08 Quarterly Report (Jannar-Marzu 2026)

**28.08.01** L-accountant tal-Kunsill Lokali, is-Sur Joseph Piscopo spjega li l-Kunsill beda s-sena b'defiċit. Is-Sur Piscopo kompla jgħid li dan id-defiċit huwa mistenni minħabba li jinkorpora fih spejjeż relatati mal-attivita` tal-Milied tas-sena ta' qabel. Is-Sur Piscopo tenna li l-ammont ta' kuntratti naqsu ukoll iżda s-salarji għolew naqra minħabba l-ftehim il-ġdid.

Is-Sur Piscopo qal li l-Kunsill Lokali rċieva ammont sostanzjali minħabba l-likwidazzjoni tal-Vilhena Funds. Is-Sur Piscopo qal lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell sabiex tibagħat email lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u titlob direzzjoni lilhom x'jista' jsir b'dawn il-flus. Is-Sur Joseph Piscopo ssuġġerixxa li l-Kunsill Lokali għandu jinvesti dawn il-flus, ma jibqgħux reqdin il-bank.

## 30.09 Skema: SPI.SCI.02.2026 – Lokalitajiet Aktar Nodfa

**30.09.01** Is-Sindku John Schembri ssuġġerixxa li l-Kunsill Lokali għandu jinvesti f'bins ta' taħt l-art. Is-Sindku John Schembri qal lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell sabiex tibagħat email u ssaqsi kemm l-ispiża ta' dawn il-bins. Il-Kunsillier Anton Gatt minn naħa l-oħra ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jorganizza World Clean Up Day. Il-Kunsillier Anton Gatt spjega li din il-ġurnata għandha tkun organizzata flimkien mal-każini u l-Kunsill joffri sponsorships tal-flokkijiet li jintużaw waqt il-ġurnata u l-ilma. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu li għandna napplikaw għal din l-iskema.

**30.09.02** Il-Kunsillier Matthew Spiteri semma' ukoll l-***Iskema għall-Kunsilli Lokali għall-Ħolqien ta' Spazji Miftuħa Żoni ta' Logħob Sensorjali, u Żoni Ħodor Inklużi Parks għall-Klieb u Cat Cafes 2026***. Il-Kunsillier Matthew Spiteri qal li l-Kunsill Lokali għandu japplika għal din l-iskema. Il-Kunsillier Matthew Spiteri spjega li flimkien mas-Sindku John Schembri identifikaw sit fi Triq San Tumas viċin il-Padel Court. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li se tkun qed tapplika għal din l-iskema fil-jiem li ġejjin.

## 30.10 Attivita` Jum Ħal Luqa

**30.10.01** Is-Sindku John Schembri qal li l-quddiesa ta' Jum il-Lokal se ssir fil-15 ta' Mejju u wara se ssir iċ-ċelebrazzjoni tat-tqegħid tal-kuruna quddiem il-monument tal-gwerra. Is-Sindku John Schembri qal li ladarba u jekk titħabbar id-data tal-elezzjoni, is-serata tal-għoti tar-rikonoxximenti u Ġieħ Ħal Luqa ssir f'data aktar konvenjenti u fil-binja tal-iskola. Is-Sindku John Schembri flimkien mal-Kunsilliera preżenti qablu fuq lil min jagħtu rikonoxximenti u Ġieħ Ħal Luqa 2026. Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Keith Bartolo u



JS AP

sekondat mill-Kunsillier Andrew Cassar, il-Kunsilliera preżenti b'mod unanimu qablu fuq l-ismijiet ta' min jingħata r-rikonoxximent u Ġieħ Hal Luqa.

Il-Kunsillier Matthew Spiteri ssuġġerixxa li għas-sena d-dieħla l-Kunsill Lokali għandu jagħti l-liberta` li jkunu l-każini u l-għaqdiet volontarji li jinnominaw lil min iridu jagħtu rikonoxximent.

## 30.11 Aġġornament – Ġemellaġġ Mejju 2026

**30.11.01** Is-Sindku John Schembri qal li l-ġemellaġġ bħalissa għadu inċert sakemm titħabbar u jekk titħabbar id-data tal-elezzjoni. Is-Sindku John Schembri qal li bħala Kunsill ma nistgħux nikkommettu ruħna. Is-Sindku John Schembri tenna li ladarba l-Kunsill ikollu konferma tad-data tal-elezzjoni, ikunu jistgħu jinqatgħu l-biljetti tal-ajru, dejjem jekk din id-data ma taqax f'Jum l-Elezzjoni.

## 30.12 Tender – Madonna tal-Ftajjar

**30.12.01** Is-Sindku John Schembri qal li dan it-tender issa wasal fil-fażi aħħarija tiegħu. Is-Sindku John Schembri qal li l-Kunsill ġab il-clearance tal-BCA u issa trid issir il-garanzija bankarja. Is-Sindku John Schembri qal li fil-jiem li ġejjin hu u s-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell se jkunu qed jagħmlu kuntatt mal-bank sabiex din issir.

## 30.13 Tender – Decorative Luminaires for several streets in Hal Luqa

**30.13.01** Is-Sindku John Schembri qal li l-evalwazzjoni ta' dan it-tender sar u li ftit jiem oħra se jkun ippubblikat ir-riżultat ta' dan it-tender. Is-Sindku John Schembri fisser li wara l-pubblikazzjoni ta' dawn ir-riżultati jkun hemm żmien l-appell. Ladarba jgħaddi dan il-perijodu u ma jkunx hemm appell, it-tender jista' jingħata u jinbdew ix-xogħlijiet.

## 30.14 Skeda ta' Pagamenti u petty cash

**30.14.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Matthew Spiteri, u sekondat mill-Kunsillier Anton Gatt, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu bi qbil unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 30.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**28.12.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.15 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju 2026, fil-17.30.



JS AP

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 12 ta' Mejju 2026.**

**John Schembri**
*Sindku*

**Astrid Pell**
*Segretarju Eżekuttiv*